# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar, 2019

**Rikors Numru : 424/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**GD**

**Vs**

**CV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GD, datat 19 ta' Settembru 2018 li jaqra hekk:

1) *Illi r-rikorrent zzewweg lill-intimata, CV, fil-Parocca tal-Furjana, fl-ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (20/10/2001). Anness ic-certifikat taz-zwieg (Dok 'A');*

2) *Illi, minn dan iz-zwieg twieldu erbat (4) itfal, R fid-disgha ta' Lulju elfejn u tlieta (09/07/2003), it-tewmin, A u X, fl-erbgha u ghoxrin ta' Lulju elfejn u sitta (24/07/2006), u L, fil-hdax ta' Frar elfejn u hdax (11/02/2011) ahwa D, lkoll minuri.*

3) *Illi r-rikorrent u martu l-intimata sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Nicholas Vella, datata sbatax ta' Jannar elfejn u erbatax*

*(17/01/2014), liema kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn esebita u mmarkata bhala Dok 'B';*

4) *Illi llum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent jirrikoncilja mall-intimata martu stante li ilhom ghal dawn l-ahhar erba' snin (4) separati minn xulxin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin ma' persuni ohra;*

5) *Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-intimata iddekadiet ghall-manteniment, mentri r-rikorrent irrinunzja ghall-manteniment ta' bejniethom u l-manteniment dovut lill-erba' ulied dejjem thallas mir-rikorrent;*

6) *Illi, in oltre, r-rikorrenti ma' dan ir-rikors qieghed jipprezenta l-Affidavit tieghu (Dok 'C);*

7) *Illi r-rikorrent jixtieq li jottjeni d-divorzju u jaqbel li z-zwieg tieghu mal-intimata ghandu jigi mahlul;*

8) *Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzji bejnu u l-intimata martu, CV u tiddikjara z-zwieg taghhom, celebrat fl-ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (20/10/2001), mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-kodici civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f'dan is-sens u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati

skond il-ligi;

Rat in-nota ta'CV, datata 13 ta' Novembru 2018, a fol 19, li taqra hekk:

*Li permezz taghha ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors tieghu, b'dan illi m'ghandhiex issofri l-ebda spejjez konnessjoni mal-procedura istanti.*

Rat li l-att promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GD** xehed permezz t'affidavit a fol 14 illi l-partijiet izzewgu fis-20 t'Ottubru 2001 u kienu ottjenew separazzjoni legali fis-17 ta' Jannar 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat' itfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn seba' snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CV** xehdet a fol 23 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn GD.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Jannar 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn seba' snin – vide Dok B a fol 4 et seqq.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet waqt li jidher li l-manteniment ghall-erbghat itfal minuri dejjem thallas puntwalment.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Ai termini tal-artikolu 243 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tqassar it-terminu tal-appell ghal jumejn.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**